MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2012

Appell Kriminali Numru. 536/2010

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Concetta Charles**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli fis-16 ta' Jannar 2002 u fit-8 ta' Mejju 2002 u fil-granet ta' qabel u ta' wara, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

- approprijat ruha, billi dawwret bi profit ghaliha jew ghal persuna ohra, is-somma ta' Lm5,000 ghad-dannu ta' Marco u Elizabeth Gonzi, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilha taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilha minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz taghha. (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 293 u 294 tal-Kap 9.)

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzata ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-29 ta' Novembru, 2010 fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 293 u 294 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputata hatja u lliberatha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlett snin minn dakinhar bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kap. 446. Rat l-artikolu 24 tal-istess Kap u ordnat lil imputata li thallas €1000 lill-kwerelanti fi zmien sena.

Rat ir-rikors tal-appellanti Concetta Charles pprezentat fl-10 ta' Dicembru, 2010 fejn talab lil din il-Qorti sabiex:

Tannulla, trirrevoka u thassar is-sentenza appellata, u tillibera lill-esponenti minnkull htija u piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti, huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi l-esponenti tissolleba l-eccezzjoni dwar in-nullita` tal-proveduri kif ukoll in-nullita` tas-sentneza. Il-proceduri li wasslu ghall-ghoti tas-sentenza kienu neqsin minn elementi indispensabbli ghall-amministrazzjoni korretta tal-gustizzja. Barra minn hekk, is-sentnza hija nulla ghaliex l-imputata lanqas kienet taf x' qieghed jigri, ghaliex fl-atti ma tnizzel xejn mir-rekwiziti msemmija fil-ligi, u fl-ahharnett, ghaliex sa lejlet li kien jaghlaq it-terminu ghall-appell, is-sentenza kienet ghadha mhix miktuba.

2. Issir riferenza ghal sentenzi bhal 'Il-Pulizija vs Tonio Ciantar et' moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (29/10/2009) u 'Il-Pulizija vs Michael Sultana' moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (20/05/2009) liema sentenza

stabbiliet li s-sentenza tkun nulla meta mkien fiha ma temergi dikjarazzjoni ta’ l-Ewwel Qorti dwar htija jew liberazzjoni minn reat jew iehor. L-artikolu 382 tal-Kap 9 jipprovdi:

*‘Il-Qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta’ dan il-Kodici jew ta’ kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat.’*

Jekk is-sentenza ma kienitx miktuba u disponibbli ghall-uzu mill-imputata, kif jista` jinghad li l-ewwel Qorti qalet ta’ x’hiex kienet qed issib lill-imputat hatja? M’huwiex bizzejjed li wiehed jista` jarbumenta jew jikkongettura ta’ xhiex l-imputata giet misjuba hatja. Fil-kaz prezenti, lanqas wiehed jista` jikkongettura fuq il-htija mill-motivazzjoni tas-sentenza, stante li sa dan il-mument tas-sotttomissjoni ta’ dan l-appell is-senteza kienet ghadha ma nkitbitx.

Ghaldaqstant, is-sentenza appellata hija bla dubju ta’ xejn difettuza minn rekwiziti essenzjali ghall-valitidta` taghha. Dan jirrendi s-sentenza assolutament u irredimibilment nulla.

3. Illi s-sentenza appellata nghatat bi vjolazzjoni palesi tad-drittijiet tad-difiza (the rights of the defence). Zewg (2) seduti qabel dik tad-29 ta’ Novembru, 2010, l-Ufficjal Prosekutur iddikjara illi l-Prosekuzzjoni ma kellhiex aktar provi xi tressaq. Seduta wahda (1) biss qabel dik tad-29 ta’ Novembru, 2010, pero` il-prosekuzjoni regghet ressqat xhud iehor, cioe` Marco Gonzi. Wara li nstema dan ix-xhud, l-Ufficjal Prosekutur ma regax iddikjara illi l-Prosekuzzjoni ma kellhiex izjed provi xi tressaq. Il-kawza giet differita ghad-29 ta’ Novembru, 2010. Ejja nassumu li kellu jigi desunt illi l-kawza kienet ghall-provi tad-difiza. X’ gieghel lill-ewwel Qorti taqbez kompletament l-istadju tal-provi tad-difiza? Kif gara illi l-ewwel Qorti ddecidiet li ma tistaqsix lill-imputata jekk rieditx tixhed?? Kif gara illi l-ewwel Qorti mxiet fl-assenza ta’ l-avukat difensur fl-aktar fazi krucjali u determinanti tal-process kriminali? Kif gara illi l-ewwel Qorti ddecidiet li tghaddi minnufih gahs-

sentenza? Kif gara li l-ewwel Qorti ddecidiet li l-kawza kellha tinqata’ dakinhar stess u hasdet ghal kollox lid-difiza?

Indubjament, kienn hemm vjolazzjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq kif ukoll tal-principju ta’ Equality of arms u tad-dritt li persuna akkuzata tressaq xhieda, li taghti x-xhieda taghha fil-proceduri kontra taghha u li tikkontesta permezz tal-kontroezami lix-xhieda tal-prosekuzjoni kif ukoll l-opportunita` li tirribatti l-provi tal-prosekuzzjoni. Minn dan kollu ma kien hemm assolutament xejn.

Illi hawn si tratta ta’ sentenza illi ma messiex u setghetx legalment tinghata fic-cirkostanzi fuq imsemmija. Jonqos li jsiru l-provi tad-difiza u, wara, it-rattazzjoni orali jew bil-miktub. Wara min jaf kemm differimenti bla bzonn fl-istadju tal-provi tal-prosekuzjoni, il-Qorit kellha tara jekk id-difiza kelliex tghid xi haga qabel ma l-kawza tigi deciza (ara l-Pulizija vs Tonio Ciantar et, Qorti tal-Appell Kriminali, 29 ta’ Ottubru, 2009).

Ikkunsidrat,

L-aggravju tal-appellanti jikkonsisti fin-nullita` tal-proceduri kif ukoll tas-sentenza, peress illi kienet karenti mill-provvediment tal-artikolu 382 tal-Kap. 9.

L-appellanti tilmenta principalment mid-dewmien mill-ghoti tas-sentenza ufficjali b’tali mod illi ma setghetx tkun taf ezatt is-sentenza x’qalet u fuq x’hix kellha tibbaza l-appell taghha.

Il-Qorti hadet konjizzjoni ta’ dan l-ilment u fil-fatt bil-verbal tas-26 ta’ April 2012 ordnat illi l-ilment jigi komunikat lid-Direttur tal-Qrati u Tribunali Kriminali sabiex jaccerta ruhu li sentenzi jkunu disponibbli kemm ghad-difiza kif ukoll ghal prosekuzzjoni bl-anqas zmien possibbli wara l-ghoti taghhom.

Il-Qorti tifhem illi jekk ikun hemm dewmien dana jkun ta’ pregudizzju ghaz-zewg partijiet u mhux sew li jkun hekk.

Id-Direttur ghandu jaghmel pressjoni fuq id-Deputati Registraturi biex dawna fl-iqsar zmien possibbli jaghmlu s-sentenzi disponibbli ghall-partijiet.

Dana inghad l-appellanti qeghda tikkontesta l-validita` tas-sentenza peress illi ma fihjiex ir-rekwiziti tal-artikolu 382 tal-Kap. 9 fejn jobbliga lill-Qorti li fis-sentenza taghha ghandha tghid il-fatti li dwarhom ikun gie misjub il-hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu tal-Kodici jew kull ligi ohra li tkun ikontemplat ir-reat.

F'dan il-kaz il-Magistrat fid-dikjarazjoni ta' htija rrifera ghall-artikoli li kienu msemmijin qabel fl-istess gudikat kif ukoll semma l-kunsiderazzjonijiet tieghu l-ghala kien sab htija.

Din il-Qorti ma ssib xejn x'ticensura f'dan il-att. Id-dispozittiv tal-artikolu 382 fuq imsemmi gie pjenament sodisfatt u hemm xejn null fis-sentenza imsemmija.

Ghal dak l-ilment procedurali pero`, illi l-appellanta ma nghatatx zmien jew opportunita` sabiex tressaq il-provi taghha l-Qorti ssib illi ghandha ragun. Minkejja illi l-kawza hadet zmien twil, l-artikoli minn ghand l-Avukat Genrali intbaghtu fil-21 Mejju 2004. Dan kien soggett ghal provi li fadal u s-smiegh ta' Elizabeth Fiorini. Xejn minn dan ma sar. Saru hafna differimenti minhabba nuqqas ta' riferta, notifika, l-appellanta ma tidhirx, hrug ta' mandati ecc.

L-Avukat taghha deher darba biss fit-22 ta' Jannar, 2007 u informa lill-Qorti illi l-appellanta kienet imsiefra.

Fis-26 ta' Ottubru, 2009 inqraw l-artikoli ukoll minghajr l-assistenza tal-Avukat tal-appellanta u l-kawza giet differita provi difiza.

F'dan l-istadju l-Qorti trid tifhimha li l-prosekuzzjoni ma kellhix aktar provi x'iggib u rrinunzjat ghas-smiegh ta' Elizabeth Fiorini.

Madankollu fid-differiment ta' wara l-prosekuzzjoni gabet prova fil-persuna ta' Marco Gonzi li kien iddikjara kemm

kien ghad fadallu jiehu flus minn ghand l-appellanta. Ma hemm xejn irregolari f'dan u xorta d-difiza kienet fil-possibilita` illi tressaq il-provi taghha, pero` dan m'ghamlitux. Il-Qorti ddiferit il-kawza ghad-29 ta' Novembru 2010 ghall-provi tad-difiza. Ghal din is-seduta dawn il-provi ma ngabux. Deheret l-imputata, l-Avukat taghha ma deherx u l-kawza giet deciza.

Dana jfisser kwindi, illi filwaqt li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta ddiferit il-kawza ghal provi tad-difiza dawna ma ngabux u ghaddiet ghas-sentenza, din il-korrettezza fil-fatt issarfet fi pregudizzju ghall-istess difiza.

Minkejja dawk id-differimenti kollha, bin-nuqqas ta' dehra ta' l-Avukat tad-difiza b'kollox, l-appellanta kellha biss zewg differimenti biex iggib il-provi taghha, s-seduta tal-14 ta' Gunju 2010 u dik tad-29 ta' Novembru 2010. Kien ikun aktar ekwu li kieku l-Qorti fis-seduta tad-29 ta' Novembru 2010 flok ma qabdet u ddecidiet il-kawza ddiferita ghal data ohra ghal prova tad-difiza b'intendiment car illi jekk dawna ma jingibux allura tinghata s-sentenza. B'hekk kulhadd ikun jaf ezatt fejn qieghed u d-difiza ma jkollha l-ebda ragun sabiex tilmenta jekk fis-seduta ta' wara, fin-nuqqas ta' provi, tinghata s-sentenza. Izda din l-opportunita` ma nghatatx u zewg differimenti biss ghal provi tad-difiza minn kawza illi kienet ghaddejja seba` snin mhumiex konformi ghall-principji ta' gudizzja naturali.

Il-Qorti tifhem il-pressjoni li jkollu fuqu l-Magistrat, u tifhem ukoll illi forsi n-nuqqas ta' dehra tal-legali tal-appellanti ezasperatu b'tali mod illi qabad u ddecieda l-kawza. Pero`, xorta jibqa` l-fatt illi ma kienx hemm hafna differimenti disponibbli ghad-difiza sabiex dina ggib il-provi taghha u messa nghatat aktar opportunita` minn zewg differimenti biss.

Hu principju stabbilit illi l-Qorti ghandha twettaq skrupolozament dak illi jkun gie ddikjarat fil-verbal ta' qabel u jekk ma kien hemm l-ebda referenza ghall-ghoti tas-sentenza l-Qorti trid tkun ferm u ferm attenta qabel ma tazzarda taghmel dan minghajr pre-avviz fil-verbali. Minkejja li l-kawza saret bi procedura sommarja ma jfissirx

illi b'daqshekk il-Qorti ghandha tinjora drittijiet bazici bi pregudizzju ghal parti jew ohra.

Il-Qorti ghalhekk issib illi ghandu jkun hemm censura l-ewwelnett fuq l-Avukat tad-difiza, li ghal snin shah lanqas indenja ruhu jidher jew jinforma lill-Qorti bil-presenza tieghu, imqar biex isegwi d-differiment, it-tieni d-Deputat Registratur, ta' l-istess Qorti, illi dam hafna ma pproduca l-kopja formali tas-sentenza biex minnha jkunu jistghu ssegwu proceduri ohra inkluz dan fl-istadju tal-appell, it-tielet lill-istess Qorti talli ma kkonformatx mad-differiment ta' qabel.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta` w tiddeciedi illi tilqa` l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Istanza u biex ma jigix priv id-dritt tad-doppju ezami tordna illi l-atti jintbaghtu lura lil Qorti tal-Magistrati, taghti imqar differiment wiehed ghall-provi kollha tad-difiza u wara tigi trattata u deciza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------